# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-22 ta' Mejju 2025

**Rik. Gur. Nru.: 162/2020JPG**

**Kawza Numru : 24**

**DF u b'digriet tat-18 ta Novembru 2021 MS giet miżjuda bhala attriċi.**

**Vs**

**JS**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' DF datat 5 t' Ottubru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

> *Illi l-partijiet f'din il-kawza kienu f'relazzjoni li minnha nhar il- X kienet twieldet wild bl-isem ta' MS [Dok. A anness].*
>
> *Illi ftit zmien wara, jekk mhux kwazi immedjatament wara li twieldet l-imsemmija wild, ir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti giet itterminata u l-kontendenti infirdu [ghalkemm qatt ma' kienu mizzewgin] definitivament min ma' xulxin.*
>
> *Illi hekk kif gara dan l-imsemmija wild baqghet fil-kura u kustoda effettiva u esklussiva tal-omm, l-attrici f'din il-procedura, u kienet tghix esklussivament*

*maghha, u dan peress illi essenzjalment il-missier u cioe' l-konvenut odjern hareg kompletament minn hajjet bintu billi tul iz-zmien kollu minn meta twieldet sa llum il-gurnata huwa la qatt ezercita u wisq anqas qatt ma' talab jew ipprova jitlob biex jezercita access favur bintu.*

*Illi aparti s-suespost u aktar gravi minn hekk tul dawn is-snin kollha il-konvenut qatt ma hallas ebda forma ta' manteniment ghall-bintu u qatt ma kkontribwixxa ekonomikament ghat-trobbija ta' bintu minuri lanqas ghal dak li jirrigwarda sahha u edukazzjoni li allura jfisser illi dan kollu kellu jigi sapportat esklussivament mill-omm attrici.*

*Illi minkejja illi tul is-snin l-intimat kien jirrikonoxxi l-obbligu tieghu li jikkontribwixxi bil-hlas tal-manteniment u tal-ispejjez kollha l-ohra relattivi ghat-trobbija ta' bintu huwa qatt ma' onora il-weghdiet tieghu u baqa qatt ma' hallas xejn sal-gurnata prezenti.*

*Ghalhekk l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi b'din il-kawza b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 6 t' Awwissu 2020 [Dok B anness].*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Prevja kwalunkwe dikjarazzjoni ohra li din l-Onorabbli Qorti thoss xierqa u opportun, tiddikjara illi l-intimat JS kien obbligat ihallas u jivversa manteniment u jikkontribwixxi ghall-ispejjez kollha ta' sahha u edukazzjoni ta' bint il-kontendenti;*
2. *Tistabilixxi talvolta l-ammont u./jew ir-rata ta' manteniment u spejjez ohra li kellu jithallas mill-intimat lill-attrici bhala alimenti u spejjez ta' sahha u edukazzjoni ghall-binthom mill-gurnata tat-twelid taghha sad-data illi kien vigenti dan l-obblogu;*
3. *Tordna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentoju ihallas l-arretrati kollha ta' manteniment u spejjez kollha ta' sahha u edukazzjoni u dan skond l-ammont u/jew rata hekk stabbilita skond it-tieni talba hawn aktar il fuq u dan skond il-modalita li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tistabilixxi ghal tali hlas;*

*Bl-ispejjez u bl-intimat minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.*

Rat id-digriet taghha tad-29 ta’ Marzu 2021 (Vide Fol 19);

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-dokumenti esebiti u d-digriet ta’ din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta’ JS , datata 16 ta’ Mejju 2021, a fol 22 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi huwa ammess illi mir-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet twieldet MS nhar X);*
2. *Illi huwa ammess ukoll illi l-kontendenti qatt ma kienu mizzewgin u nfirdu sussegwentment ghat-twelied ta’ binthom MS ;*
3. *Illi ghall-kumplament tal-pretensjonijiet attrici, l-esponenti jiddikjara illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*
4. *Illi ai termini tal-Artikolu 2156(b) tal-Kap XVI tal-Ligijiet ta’ Malta, huwa dovut bhala manteniment l-ahhar hames snin;*
5. *Illi MS twieldet f’ X, u ghalhekk saret maggorenni f’ X*
6. *Illi MS kienet inharget mill-iskola meta kien ghad kellha hmistax -il sena, u fil-fatt bdiet tahdem fuq bazi full time ta’ X -il sena u cioe fis-sena 2016. L-esponenti huwa cert minn dan il-fatt, stante illi kien intalab jiffirmalha xi dokumenti stante li kienet ghadha taht l-eta ta’ sittax -il sena.*
7. *Illi ghalhekk l-esponenti ghandu jaghti biss manteniment ghall-perjodu Jannar tal-elfejn u hmistax (2015) sa Gunju elfejn u sittax (2016);*
8. *Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirrizulta fil-mori ta’ dawn il-proceduri;*
9. *Illi l-esponenti ftit ghandu dubju illi din il-kawza hija biss frott ta’ dak l-agir tar-rikorrenti li fejn m’ghaddhiex mill-bieb issa qed jittenta jabbuza minn dawn il-Qrati biex jghaddi mit-tieqa u ghaldaqstant, ghandu jigi mgieghel ibaghti doppio spese ta’ dan il-proceduri.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez skond il-Ligi.*

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumentazzjoni kollha esebiti;

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet fir-rigward tal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni;

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex l-intimat jigi ordnat ihallas arretrati ta' manteniment dovuti ghat-trobbija ta' bint il-partijiet. Min-naha tieghu l-intimat oggezzjona ghal tali talba u ssolleva eccezzjoni tal-preskrizzjoni u cjoe li l-ammont mitlub mhux dovut stante li l-partijiet qatt ma kienu mizzewgin u ghalhekk ghandha tapplika preskrizzjoni kwinkwennali.

Din il-Qorti rat illi gew prezentati in atti kopja ta' Mandat ta' Inibizzjoni li ntalab mill-attrici fl-2019 sabiex tikkawtela l-pretensjonijiet taghha u tinibixxi lill-intimat ibiegh jew jittrasferixxi l-propjeta' u l-assi tieghu u d-decizjoni tal-Qorti kompetenti li permezz taghha ikkonfermat il-hrug ta' tali Mandat ta' Inibizzjoni moghtija nhar it-8 ta' Mejju 2019.
Gew ezebiti ukoll kopji legali taz-zewg proceduri ta' medjazzjoni li gew intavolati mill-partijiet fl-2019 u susssegwentement fis-sena 2020. Fis-6 t'Awwissu 2020, din il-Qorti diversament preseduta tat digriet li permezz tieghu ghalqet il-proceduri ta' medjazzjoni pendenti bejn il-partijiet u awtorizzathom sabiex jipprocedu bil-proceduri opportuni fit-terminu mpost fil-ligi.

**Ikkonsidrat:**

L-intimat **JS** xehed quddiem din il-Qorti waqt is-seduta ta' nhar l-25 t'April 2024 (fol. 164) fejn qal li hu kellu relazzjoni mal-attrici li minnha twieldet bint il-partijiet. Il-partijiet ghamlu tlett (3) snin jghixu flimkien waqt liema zmien hu kien jaghti lill-attrici erbghin lira Maltin (Lm40) fil-gimgha sabiex tixtri li jkun hemm bzonn. Wara li temmu r-relazzjoni taghhom, l-attrici baqghet tmur ghandu darba jew darbtejn fil-gimgha biex hu jkun jista' jara lit-tifla u hemmhekk kien jaghtiha flus kontanti fl-istess ammont

ghall-bzonnijiet tat-tifla. Jghid illi meta l-attrici saret taf li l-intimat kellu wild minghand is-siebha tieghu, l-attrici bdiet taqla' l-problemi. Bghatitlu l-karti bl-awtorita' tal-Qorti u anke ghamlet allegazzjonijiet fil-konfront tieghu li hu kien mess lit-tifla – allegazzjoni li hu certament ma kienx accetta. Jghid illi inqala'dan l-inkwiet daqs ghaxar snin qabel id-data li hu kien qieghed jixhed fiha izda wara dawn il-problemi, xorta baqghu jitkelmu u jiltaqghu u ghalhekk xorta baqa' jghaddilha l-flus kontanti. Qatt ma talabha tiffirmalu ricevuti ghax qatt ma haseb li ser jaslu l-Qorti fuq il-flus. L-intimat ipprezenta ittra li rcieva minghand bintu li permezz taghha (fol. 173) stqarret kemm tixtieq li jkollha relazzjoni mieghu; li hi ma tridx flusu imma l-prezenza tieghu ghaliex minkejja kemm semghet kontrih xorta baqghet thobbu u tixtiequ f'hajjitha.

Din il-Qorti semghet lill-attrici tixhed fuq l-eccezzjoni sollevata waqt is-seduta ta' nhar id-9 t'Ottubru 2024 (fol. 175) fejn qalet illi l-partijiet infirdu meta binthom kienet ghadha tarbija ta' ftit xhur. Baqghet f'kuntatt mal-intimat sabiex bintha tkun tista' tara lilu u lill-ommu izda meta bintha kellha madwar erba' (4) jew hames (5) snin, qatghet il-kuntatt. L-attrici xehdet li flus l-intimat qatt ma taha, la kontanti u lanqas permezz ta' trasferiment f'xi kont bankarju. Tghid illi dejjem hi halset ghal kollox, anke ghal precett u ghadha dan sal-gurnata tal-lum minhabba li bint il-partijiet ghadha finanzjarjament dipendenti fuqha minhabba c-cirkostanzi partikolari taghha. Bint il-partijiet waqfet mill-iskola ta' X -il sena minhabba li kienet qed tghamilha ma' kumpanija hazina. Xoghol qatt ma zammitu minhabba li dahlet fil-problemi. Bint il-partijiet ghandha l-kundizzjoni tal-*ADHD* izda kienet giet dipendenti fuq id-drogi. Fiz-zmien tat-testimonjanza tal-attrici, bintha kienet fitxet l-ghajnuna, kienet qieghda terga' tistudja. Kien hemm zmien meta ppruvat tnehhi hajjitha u anke hadet id-droga f'dozi eccessivi tant li kellha tidhol ghall- kura gewwa l-Isptar Monte Karmeli. Minn dak iz-zmien hija ghamlet zewg (2) programmi sabiex teghleb il-problema ta' droga, wiehed minnhom residenzjali.

Xehdet ukoll l-attrici **MS** li tigi bint il-partijiet (fol. 178) viva voce fil-9 t'Ottubru 2024. Xehdet illi kemm-il darba ppruvat taghmel kuntatt ma' missierha l-intimat billi ccempillu, anke meta kienet taht l-effett tad-drogi. Kienet hemm sahansitra nies li kienet tiehu d-drogi maghhom li kienu jafuh li wkoll ppuvaw icemplulu biex ikellimha. L-intimat dejjem qalilha li biex jiltaqa' maghha jridu jiltaqghu bl-avukati maghhom jew il-Qorti u hi ma kienetx taccettaha din. Tixhed li l-intimat qatt ma taha flus.

Tikkonferma illi dejjem kienet ommha li sostnitha u kienet ghadha sa dik id-data taghmel dan. Ghamel programmi kontra droga imma giet imkecciha minn wiehed minnhom minhabba r-rabja li tezebixxi.

**Ikkonsidrat:**

Fir-rigward l-materja tal-arretrati mitluba mill-attrici mid-datat tat-twelid tal-minuri u l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, din il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti decisjoni tal-Qorti tal-Familja fl-ismijiet: ***AB f'ismiha propju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri C vs DE*** (Cit. Nru. 1211/2000/1) deciza 24 ta' Frar 2010 mill-Onor Imhallef N Cuschieri:

> **[1] Illi gjaladarba jirrizulta stabbilit, bir-rikonoxximent tal-minuri u wkoll bil-konferma bit-testijiet genitici, li dan huwa l-wild naturali tal-konvenut, allura jiskatta l-obbligu da parti l-konvenut, qua genitur, li jmantni, jew jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' ibnu sakemm dan jsir maggjorenni;**

> **[2] Illi, kuntrarjament ghal dak sottomess b' mod konciz ghall-ahhar mill-konvenut, dan l-obbligu tal-konvenut jirrizali ghad-data tat-twelied tat-tifel, ghax la darba "dak l-istat gie accertat, ghandu naturalment jigi accertat mill-gurnata tat-twelied, ghax huwa assurd, diversament illi [il-konvenut] ikun missier bl-obbligu inerenti mill-gurnata tas-sentenza biss u mhux qabel." Din il-Qorti tosserva ulterjorment li, kemm ir-rikonoxximent kif ukoll is-sentenza li ddikjarat il-paternita', ghandhom biss effett dikjaratorju ta' dritt inerenti gja ezistenti. *(Enfasi ta' din il-Qorti)***

Illi l-konvenut appella minn din id-decizjoni, izda l-insenjament fuq indikat gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2011. Illi dan dejjem kien il-hsieb addottat mill-Qrati nostrani. Illi filfatt fil-kawza ***Grech v. Magri***, deciza fl-20 ta' Dicembru, 1946, kienet ghamlet din l-osservazzjoni fuq l-obbligu tal-missier li jmantni lill-ibnu sa mit-twelid tat-tarbija:

> ***Lanqas jista' jigi obbjettat illi meta l-attrici forniet dawk l-alimenti l-appellant ma kienx ghadu dikjarat, almenu in parti minnhom, missier naturali tal-minorenni, ghaliex ladarba s-sentenza ta' dina l-Qorti ddikjaratu missier naturali, dak l-istat, li ghandu jiswa quod omnes jirretroagixxi ghall-gurnata tat-twelied; ghaliex, kif jghid Laurent, Diritto Civile, VOL IV, nru. 20 et seq (ghalkemm dan l-awtur jittratta fuq irrikonoxximent volontarju), illi ladarba dak l-istat gie accertat, ghandu naturalment jigi accertat mill-gurnata tat-twelid, ghax huwa assurd, diversament, illi l-appellant ikun missier bl-obbligi inerenti mil-lgurnata tas-sentenza biss u mhux qabel.***

Fir-rigward il-kwistjoni tal-preskrizzjoni din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza pjena ghal dak rilevat fid-decisjoni fl-imsijiet ***AB f'isimha proprio u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri LF nominata b'digriet tat-18 ta' Jannar 2011 Vs SF deciza nhar is-26 ta' Otturbu 2020*** rigward il-preskrizzjoni tal-manteniment ghall-ulied:

> **Il-konvenut eccepixxa illi t-talba attrici ghall-arretrati ta' manteniment mid-data tat-twelied tal-minuri hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (b) tal-Kodici Civili, u l-Qorti tqis illi jkun utli li tigi l-ewwel net ezaminata din leccezzjoni. Dan l-artikolu jipprovdi illi "l-azzjonijiet ghall-hlas ta' pensjoni ghall-manteniment" jaqghu bi preskrizzjoni ta' hames snin. <u>L-artikolu 2123 (b) jipprovdi illi l-preskrizzjoni ma timxix bejn il-genitur u t-tifel</u> …."**

Din il-Qorti tqis illi gialadarba kif rilevat aktar 'l fuq, id-dikjarazzjoni tal-istat li ragel huwa il-missier naturali ta' wild hu retroattiv ghall-gurnata tat-twelied, il-konsegwenza ta' dan japplika ghad-drittijiet u dmirijiet tal-missier naturali (u issa legali) rigward l-istess wild, liema drittijiet u dmirijiet legalment jemanu minn dana l-istess stat. Illi ghalhekk ma hemmx preskrizzjoni.

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Kristina Xuereb u bhala kuratrici ad litem ta' binha Timmy Costa Xuereb vs Franz Costa*** (Cit. 139/2022) decizjoni fit-8 t'April 2025, il-Qorti tal-

Appell ghamlet kwalifika fuq jekk tapplikax il-preskrizzjoni skont kif jigu ntavolati l-proceduri. Il-Qorti tal-Appell qalet kif isegwi:

> ***Dwar jekk azzjoni għall-manteniment ta' minuri hix preskrivibbli, fattur rilevanti huwa jekk il-ġenituri humiex miżżewġa. Dan għaliex skont Artikolu 2123 (a) tal-Kodiċi Ċivili il-preskrizzjoni ma timxix bejn ir-raġel u l-mara, lanqas jekk ikun legalment separati. (Ara Angiolina sive Lino Pace v. Rita Anne Pace - Appell Superjuri - 24 ta' Novembru, 2017; John Baptist Sammut v. Marina Ciarlò - Appell Superjuri - 30 ta' Mejju, 2014). Mhux l-istess jingħad bejn missier u omm li ma humiex miżżewġa. Lanqas timxi l-preskrizzjoni bejn il-ġenitur u t-tifel li hu taħt is-setgħa tal-ġenituri (Artikolu 2123 (b), Kodiċi Ċivili). Jeħtieġ għalhekk naraw sewwasew in-natura tal-azzjoni attriċi fir-rigward tat-talba għall-ħlas ta' arretrati ta' manteniment. Il-ġurisprudenza mhux dejjem kienet konsistenti fil-klassifikazzjoni ta' din ix-xorta ta' azzjoni. Sentenzi qiesu din l-azzjoni bħala l-azzjoni tal-ġenitur għan-nom tal-minuri kontra l-ġenitur l-ieħor; oħrajn qiesu li din hija azzjoni tal-ġenitur kontra l-ġenitur l-ieħor sabiex jiġu rkuprati spejjeż magħruġa fil-passat għat-trobbija tal-minuri.***

In segwitu ghal tali konsiderazzjoni, il-Qorti tal-Appell iddecidiet li ladarba l-partijiet f'tali proceduri ma kienux mizzewgin, il-preskrizzjoni kwinkwennali tapplika:

> ***26. Anke fil-każ li għandna quddiemna, l-azzjoni li sewwasew istitwit l-attriċi dwar arretrati ta' manteniment ma hix sabiex il-konvenut jiġi kkundannat iħallas manteniment direttament lil ibnu imma sabiex l-attriċi tirkupra mingħandu sehemu tal-ispejjeż li hija ħarġet sabiex rabbiet lil binha fil-passat. Tali azzjoni ma hix protetta mill-effetti tal-preskrizzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-azzjoni tal-attriċi dwar arretrati ta' manteniment hija soġġetta għall-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-Artikolu 2156 (b) tal-Kodiċi Ċivili peress li l-partijiet ma humiex miżżewġa lil xulxin.***

Madanakollu, il-Qorti tal-Appell ghamlet referenza wkoll ghall-Artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li wara l-emmendi li dahlu fis-sehh fis-sena 2017, caqalqu l-oneru tal-prova ghal fuq il-konvenut. Il-Qorti tal-Appell spjegat is-segwenti:

> 27. **Iżda dan l-aggravju jfalli għaliex kif sewwa ssottomettiet l-appellata fir-risposta tagħha għal dan l-appell, il-konvenut naqas milli jottempera ruħu ma' Artikolu 2160 (1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi illi l-preskrizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.**
>
> **28. Kif inhu magħruf, l-emendi għall-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, spustaw il-ġuramento decisorio, minn oneru ta' inizjattiva da parti ta' attur jew konvenut rikonvenzjonant rinfaċċjati b'eċċezzjoni ta' preskrizzjoni; għal oneru ta' inizjattiva da parti tal-konvenut jew tal-attur rikonvenzjonat li ressqu eċċezzjoni ta' preskrizzjoni. L-emendi li saru għall-Artikolu 2160 kemm bis-saħħa tal-Att I tal-2017, kif ukoll bl-Att VIII tal-2017, daħlu fis-seħħ fit-13 ta' Jannar, 2017 u fl-24 ta' Frar, 2017, rispettivament. Fil-każ odjern l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġiet intavolata ferm wara li l-emendi msemmija daħlu fis-seħħ u għalhekk kien l-oneru fuq il-konvenut illi jsegwi dak provdut fl-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili. (Ara Bezzina v. Grech - Appell Superjuri (Familja) - 25 ta' Frar, 2025). Huwa biss fejn l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni jkunu ġa validament imressqa, qabel ma daħal fis-seħħ l-Artikolu 2160 kif emendat fl-2017, li ma hemmx oneru fuq il-konvenut li jsegwi Artikolu 2160. (Ara Caruana v. Air Malta plc - Appell Superjuri - 15 ta' Novembru, 2023).**
>
> **29. Isegwi għalhekk illi, għalkemm din il-Qorti, b'differenza tal-Ewwel Qorti, tqis li l-azzjoni attriċi għall-arretrati ta'**

> **manteniment hija soġġetta għall-preskrizzjoni kwinkwennali, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tiġi akkolta peress li ma segwix Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili.**

In segwitu ghall-insenjament tal-Qorti tal-Appell, din il-Qorti tghaddi biex tezamina jekk il-konvenut osservax dak spettat minnu mill-Artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi kif gej:

> ***2160. (1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148,2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.***

Din il-Qorti fliet bir-reqqa r-risposta guramentata tal-konvenut li giet intavolat nhar it-18 ta' Mejju 2021 (fol. 22). Illi mhux talli l-konvenut ma kkonfermax bil-gurament li hu mhux debitur ghal tali manteniment, tali jammetti illi hemm dovut il-manteniment li skont hu, hu tal-ahhar hames (5) snin u ghalhekk jikkonferma li hu debitur. Il-partijiet mhux jaqblu fuq il-*quantum* ta' kemm il-konvenut huwa debitur. Ladarba l-konvenut ma segwix skrupolozament id-dettami tal-Artikolu 2160, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tigi michuda.

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tghaddi sabiex tichad l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut u tordna l-prosegwiment tal-proceduri odjerni, b'dan li l-attrici ghandha tkompli bil-provi taghha fis-seduta li jmiss.**

**Spejjez rizervati ghal gudizzju finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nicole Caruana**
**Deputat Registratur**